

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 2010

**dwar l-allokazzjoni tal-fondi dekommissjonati minn proġetti taħt id-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u dawk preċedenti sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli fis-Sudan**

(2010/406/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna Komunitarja taħt il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu bejn 2008 - 2013 konformement mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat tal-KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(4) u l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Gvern tas-Sudan iddeċieda li ma jirratifikax il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 <sup>(2)</sup>, kif emendat l-ewwel fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 <sup>(3)</sup>, u b'hekk tilef l-aċċess għall-Programm Indikattiv Nazżjonali tal-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) b'allokazzjoni totali ta' EUR 294,9 miljun, li issa jinżammu fl-Għaxar FEŻ.
- (2) Is-sitwazzjoni politika attwali fis-Sudan, kif ukoll il-kriżi umanitarja fid-Darfur, in-Nofsinhar tas-Sudan, il-Lvant tas-Sudan u ż-Żoni Transizzjonali, jeħtieġu impenn qawwi mill-Unjoni Ewropea, inkluż permezz tal-għoti ta' għajnuna vitali lill-popolazzjoni tas-Sudan. In-nuqqas li jħalli n-nondisponibbiltà tal-Għaxar FEŻ inaqas b'mod sostanzjali l-kapaċità tal-UE biex tassisti l-popolazzjoni u tgħin biex tistabbilizza l-pajjiż, li jista' jkollu konsegwenzi fuq ir-reġjun iktar wiesaq.
- (3) Sabiex titnaqqas id-disparità finanzjarja li se seħħ, huwa xieraq li jiġu utilizzati fondi dikommissjonati mid-Disa' FEŻ u dawk preċedenti.

- (4) Il-fondi għandhom jintużaw biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli fis-Sudan, b'mod partikolari fiż-żoni affettwati mill-konflitt, inkluż id-Darfur, in-Nofsinhar tas-Sudan, il-Lvant tas-Sudan u ż-Żoni Transizzjonali. Dawn jiġu allokati abbażi ta' deċiżjoni ta' finanzjament li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Għandu jsir provvediment ukoll biex jiġu koperti l-miżuri ta' appoġġ.
- (5) Dawn il-fondi għandhom jiġu amministrati permezz ta' ġestjoni ċentralizzata u konġunta u, għall-iskop ta' simplifikazzjoni, skont l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-Għaxar FEŻ.

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI

## Artikolu 1

1. Għandu jiġi allokat ammont ta' EUR 150 miljun mill-fondi dikommissjonati minn proġetti taħt id-Disa' FEŻ u dawk preċedenti sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli fis-Sudan; 2 % ta' dan l-ammont għandhom jiġi allokati għal nefqa ta' appoġġ mill-Kummissjoni.
2. Dawn il-fondi għandhom jiġu amministrati permezz ta' ġestjoni ċentralizzata u konġunta skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-Għaxar FEŻ.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kunsill  
Il-President  
S. LARUELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

<sup>(2)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.